**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 454/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Sebastian Vassallo**

Illum, 19 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Sebastian Vassallo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 856347(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-14 ta' Lulju 2019, ġewwa 47, Triq Lorenzo Gafa', Siggiewi u f'dawn il-Gzejjer:

i) Ikkommetta attentat vjolenti għal pudur ta' A, imwielda fis-7 ta' Ottubru 2002, meta kien tutur ta' l-imsemmija minuri għal xi zmien jew meta l-istess minuri ġiet fdata lilu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew izommha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' April 2022, fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u ma sabitux ħati tal-aggravju li ġie imputat lilu, u wara li rat l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ukoll, il-Qorti ordnat li l-akkuzat titteħidlu l-liċenzja

mingħand l-Awtorita' tat-Turizmu sabiex jiġi pprojbit milli jilqa' studenti u/jew nies f'daru.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-18 ta' April 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu fejn ma sabitux ħati tal-aggravju imputat lilu, tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward fejn sabitu ħati ta' attentat vjolenti għall-pudur, u minflok tirriforma s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati fis-6 t'April 2022, billi tilliberah minn kull akkuza, ħtija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iqajjem tlett aggravji fejn jilmenta illi sar apprezzament ħazin tal-fatti li taw lok għall-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u dan għaliex l-atti minnu kommessi ma kenux jikkostitwixxu l-atti impudiċi li titkellem dwarhom il-liġi sabiex jissussisti r-reat u ukoll għaliex il-provi huma skarni b'nuqqas ta' korroborazzjoni.

Illi esposti l-ilmenti mressqa mill-appellanti diretti lejn is-sentenza appellata, huwa evidenti illi dawn t-tlett aggravji jikkonċernaw kollha kemm huma l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant ser jiġu trattati flimkien. F'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-

xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi qabel ma tinoltra ruħha f'eżami ta'l-atti proċesswali l-Qorti ma tistax ma tosservax illi għalkemm l-appellant kien mixli b'dak li kien imsejjaħ "attentat vjolenti għal pudur", delitt imfassal fl-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali, il-leġislatur, permezz ta'l-Att XIII tal-2018, wessa' l-parametri ta' dan ir-reat sabiex illum l-artikolu 207 iqis bħala reat kull "att ta' natura sesswali mingħajr kunsens". Madanakollu għalkemm permezz ta'l-Avviż Legali 154 tal-2018 dan il-bdil fil-liġi daħal fis-seħħ fid-data tal-14 ta' Mejju 2018, l-appellant xortawaħda jiġi mixli bir-reat kif maħsub qabel l-introduzzjoni tal-emenda hawn fuq imsemmija. Permezz ta' dan il-bdil fil-liġi in-nuqqas tal-kunsens minn naħa tal-vittma ġie darba għal dejjem ekwiperat mal-element tal-vjolenza, għalkemm il-ġurisprudenza xortawaħda kienet tagħti din l-interpretazzjoni lil dan l-element[2]. Dan ifisser illi anke l-att kważi fuġġesk ta'l-awtur tar-reat jekk magħmul mingħajr kunsens jammonta għal att materjali, purche' dan l-att jkun wieħed ta' natura sesswali.

Issa l-liġi ma tagħti ebda definizzjoni ta' liema att jew atti għandhom jkunu meqjusa li huma ta' natura sesswali. Dan jitħalla mill-leġislatur f'idejn min hu imsejjaħ biex jiġġudika u dan skont iċ-ċirkostanzi li fihom jiġu kommessi dawn l-atti impudiċi, purche' l-att materjali ma jkunx wieħed li jikkostitwixxi xi reat ikkontemplat fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali. Li hu żgur huwa li l-intenżjoni tal-awtur tar-reat trid tkun tali illi tfittex il-gratifikazzjoni sesswali tiegħu, billi jekk l-att isir b'mod aċċidentali jew inkonxjament allura jitlef in-natura libidinuża tiegħu.

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] **"L-attentat vjolent ghall-pudur, jew oltragg vjolent ghall-pudur, hu kostitwit minn dawk l-attijiet impudici kollha li jigu kommessi fuq persuna ohra kontra l-volonta' taghha li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodici Kriminali** ..." - Pulizija vs Gerald Cassar deċiża nhar it-18 ta' Lulju 1959 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppresduta mill-Imħallef Joseph Flores.

Issa minn eżami ta'l-atti jemerġi illi l-uniċi provi prodotti jikkonsistu unikament fix-xhieda tal-allegata vittma u dik tal-appellant, l-uniċi protagonisti ta' din il-viċenda kriminali. Dan għaliex meta seħħew l-allegati atti impudiċi l-appellant u l-allegata vittma kienu weħidhom u għaldaqstant ma kien hemm ebda prova oħra li setgħet tikkorrobora il-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet, liema verzjonijiet jippreżentaw żewġ stampi opposti ta' xulxin.

F'dan ix-xenarju probatorju għalhekk jassumi aktar rilevanza dak li jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jfassal uħud mill-kriterji li għandu isewgi l-ġudikant meta jasal għad-deliberazzjoni tiegħu dwar il-fatti tal-każ imqiegħda quddiemu: -

> **... id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.**

Ma hemmx dubbju f'dawn it-tip ta' kawzi illi l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xiehda, li l-qorti ta' prim'istanza ikollha x-xorti tqies bir-regoli hawn fuq stabbiliti, hu fatt importanti ta' kredibbilita' ***"u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.'***[3]

Illi, ukoll, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha, kemm favur u kemm kontra, u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex

[3] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino – 30/03/1963 Qorti Kriminali

tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Issa mill-Atti Proċesswali jirriżulta li nhar l-14 ta' Lulju 2019 l-allegata vittma A ta' 16 -il sena kienet qed tiġi ospitata tul il-permanenza tagħha ġewwa Malta minn *host family*, u ċioe' mill-familja tal-appellant. A tallega li fil-jum indikat fl-akkuża hija kienet għadha kemm irritornat lura d-dar, u ċioe' fir-residenza tal-appellant, meta dan laqagħha billi taha bewsa fuq ħaddejha, fl-liema punt hija ċċajtat miegħu u qaltlu li fi Spanja, fejn tgħix, kienet tradizzjoni li meta tilqa' persuna, tagħti zewġ bewsiet fuq il-ħaddejn u mhux waħda. F'dan il-punt, hija tgħid li l-appellant għalhekk talabha għal tlett bewsiet minflok u hi rrifjutat. Tallega ukoll li meta hija tbaxxiet sabiex tinza' ż-żarbun, l-appellant taha daqqa fuq il-warrani tagħha – "*he slammed her bum*" - għal liema aġir hija tatu ħarsa bl-ikrah. Tgħid ukoll li meta kienet sejra torqod, l-appellant tefagħlha bewsa u għemizha. Tikkontendi li hi ħassitha skomda immens b'dan l-atteġġament ta'l-appellant fil-konfront tagħha.

Illi minn dan ir-rakkont jirriżulta illi l-atti impudiċi allegati mill-parti offiża jikkonsistu f'bewsa fuq il-ħaddejn u t-tokkament fuq il-warrani tagħha. L-appellant jilmenta li l-ebda waħda minn dawn l-atti ma taqa' fil-parametri ta' dawk l-atti ta' libidine li jwassal għar-reita' għall-imputazzjoni lilu addebitata.

Issa kif ingħad għalkemm l-appellant huwa mixli li ikkometta attentat vjolenti fuq il-pudur tal-vittma tiegħu, madanakollu fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat, dawn l-atti ġew inklużi mil-leġislatur, f'dawk l-atti ta' natura sesswali li jsiru mingħajr il-kunsens tal-vittma w allura l-Qorti trid tqis l-atti ta' libidine kommessi mill-appellant f'dan il-kuntest. Illi kif ingħad l-appellant laqa' lill-parti offiża hekk kif daħħlet fir-residenza tiegħu b'bewsa u meta ra li din it-tfajla kompliet miegħu, huwa ħaseb li seta' imur pass *oltre* u jkompli jiggratifika l-pjaċir sesswali tiegħu b'tokkamenti fuq il-warrani tal-vittma u bews mhux mixtieq, tant illi l-vittma tgħid illi hija ma kenitx konsenzjenti għal dan l-aġir. Huwa minnu li l-appellant meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti nnega li qatt mess il-warrani tal-vittma, madanakollu dina l-Qorti ma tqisx li l-appellant huwa xhud kreddibbli. Illi l-verżjoni tal-fatti tal-appellant temerġi kemm

mill-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija kif ukoll mix-xiehda mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti, minn liema verżjonijiet jirriżultaw diversi diskrepanzi, kif tajjeb tikkontendi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Huwa minnu li meta ħa l-pedana tax-xhieda huwa nnega li qatt mess lill-allegata vittma, madanakollu l-istess ma jistax jingħad għal verżjoni tal-fatti rakkontata fl-istqarrija.

Fl-istqarrija tiegħu l-appellant jittituba dwar dak li verament seħħ meta igħid il-kliem: "*Jista' jkun li lqattilha l-warrani imma mhux missejtulha*". U jkompli – "*Li lqattilha il-warrani jista' jkun imma ma kelliex intenzjoni ħazina, ma nafx kif lqattilha l-warrani*". Kif lanqas jinnega li kien għadda xi bews bejniethom fuq il-ħaddejn, għalkemm igħid illi huwa jilqa' lil kulħadd b'dan il-mod. Għalhekk, *a tempo vergine*, l-appellant ma nnegax li kien hemm dan it-tokkament, anzi jammetti li għamel dan, iżda aċċidentalment u mhux b'intenzjoni ħazina. Illi l-Qorti ma tistax temmen lill-appellant illi dan l-aġir ma kienx magħmul b'intenzjoni libidinuża tant illi wara li seħħ dan l-att impudiku huwa talab għall-bewsa oħra mingħand l-allegata vittma kif ukoll, wara li messilha l-warrani, għemizha u waddbilha bewsa hekk kif hija kienet sejra torqod. Illi allura dawn l-atti flimkien ma jistgħux ħlief iwasslu għal konkluzjoni waħda għaliex jippuntaw biss fl-istess direzzjoni. U li kieku verament l-appellant kien laqat il-warrani tal-vittma innoċentement jew aċċidentalment, żgur li l-istess vittma ma kinitx ser tħossha skomda daqshekk, tant li għazlet li tirraporta tali aġir lill-awtoritajiet kompetenti. Illi abbinat ma' dan imbagħad hemm l-inkonsistenzi fil-verżjonijiet tal-fatti minnu mogħtija u dan meta kontrapposti mal-verżjoni konsistenti tal-vittma li tibqa' żżomm mal-istess rakkont tal-fatti. In vista tas-suespost, l-Qorti tqis illi ma tista' ssib xejn x'tiċċensura fl-apprezzament magħul mill-Ewwel Qorti u qegħdha għalhekk tiċħad it-tlett aggravji mressqa mill-appellant.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**